*- Mandat ta' Inibizzjoni -*

*- Azzjoni Industrijali fil-Qasam tas-Saħħa -*

*- Drittijiet tal-Ħaddiem vs. Drittijiet tal-Pazjent -*

*- Fumus Boni Iuris; Periculum in Mora -*

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## ROBERT G. MANGION

**Digriet Finali**

**Illum, 11 ta' Ottubru 2021.**

**Mandat t'Inib. Nru 1400/2021 RGM**

Fl-Atti tar-Rikors ghall-Ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni
Numru 1400/2021 fl-ismijiet:

**Direttur Ġenerali fi ħdan l-Uffiċju tas-Segretarju Permanenti fil-Ministeru tas-Saħħa**

**vs**

**Malta Union of Midwives and Nurses (MUMN)**

**Il-Qorti**

Rat ir-Rikors imressaq fit-18 ta' Settembru 2021 li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, d-Direttur Ġenerali fi ħdan l-Uffiċju tas-Segretarju Permanenti fil-Ministeru tas-Saħħa talbet lill-Qorti tordna l-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni sabiex iżżomm lill-union intimata Malta Union of Midwives and Nurses (MUMN) milli:-

(a) Tinizzja u/jew tordna, u/jew twettaq, u/jew isejjah, u/jew tippromulga, u/jew kull mod iehor torganizza u/jew tkompli b'direttivi u/jew azzjoni u/ jew azzjonijiet industrijali, diretti jew indiretti, bil-partecipazzjoni taghha stess u/jew tal-membri taghha, b'mod partikolari in konnessjoni mad-dikjarazzjoni t'azzjoni notifikata lill-esponenti fis-6 ta' Settembru 2021;

(b) Tiehu xi azzjoni li tippregudika, itellef jew b'xi mod iehor ixxekkel l-provizjoni tas-Sahha Pubblika fl-ahjar interess tal-komunità; u

(c) Tiehu kwalunkwe azzjoni li tirrizulta, jew li tista' tirrizulta, fi pregudizzju, telf jew xi forma ohra ta' tfixil lill-provediment ta' servizz essenzjali.

Rat id-digriet provviżorju tagħha tat-18 ta' Settembru 2021 li permezz tiegħu laqgħet it-talba b'mod provviżorju, ordnat in-notifika tar-rikors u tad-digriet lill-union intimata bil-fakolta' li tippreżenta risposta sat-23 ta' Settembru 2021 u appuntat ir-rikors għas-smiegħ għas-27 ta' Settembru 2021;

Rat ir-Risposta preżentata mill-MUMN fl-20 ta' Settembru 2021 li permezz tagħha, għar-raġunijiet hemm mogħtija qed topponi għar-rikors imsemmi;

Rat l-atti kollha tar-rikors;

Semghet ix-xhieda;

Semghet it-trattazzjoni tal-abbli avukati tal-partijiet;

Rat il-verbal tas-seduta tas-27 ta' Settembru 2021 fejn ħalliet ir-rikors għall-provvediment *in camera*;

Ikkunsidrat;

**Fatti antecedenti r-rikors ghall-Mandat ta' Inibizzjoni**

L-MUMN tirrappreżenta fost l-oħrajn lis-segwenti kategoriji ta' ħaddiema impjegati fis-servizz pubbliku tas-saħħa:

1) **Phlebotomists**[1] u **Decontamination Sterilising Technicians**[2] li jaqgħu taħt Ftehim Settorali wieħed, u

2) **Dental Surgey Assistants** li jaqgħu taħt Ftehim Settorali ieħor.

Iż-żewġ ftehim settorali imsemmija skadew fl-aħħar tas-sena 2020 u għalhekk kienu inbdew taħdidiet bejn l-MUMN u l-awtoritajiet tas-saħħa li kellhom iwasslu għal ftehim settorali ġdid. Ftehim ma ntaħaqx u għalhekk l-MUMN ħarġet direttivi ta' azzjoni industrijali lill-membri tagħha.

Id-direttiva tal-MUMN datata 6 ta' Settembru 2021 komunikata lill-awtoritajiet tas-saħħa taqra kif ġej:

**"Therefore, as from the 9th September 2021 the following directives are coming into force:**

> ***"1. The Phlebotomists: Only 15 urgent cases per day per Phlebotonists (to include oncology patients) are to be done by each Phlebotonist. Also INR are to be excluded from the directive. The nurses working in the ACC are to remain with the normal workload.***

[1] PersunI mħarrġa sabiex jeħdu d-demm minn pazjent.
[2] Persuni mħarrġa sabiex jisterilizzaw l-istrumenti meħtieġa minn kirurgi waqt operazzjonijiet mediċi kirurġiċi.

*2) DSAs[3] are only to assist Dentists for Emergency Cases only.*

*3) The DSTs[4] will only prepare sterilization packs for MOT Pillar 4 being the Cepod and the Trauma theatre (both are emergency theatres). Also the operation packs regarding the scoliosis are to be done since such operations are done by a visiting consultant*."

Fit-18 ta' Settembru 2021 id-Direttur Ġenerali rikorrenti intavolat ir-rikors għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni kontra l-union intimata mertu ta' din id-deċiżżjomi.

Ikkonsidrat;

**Ir-Raġunijiet Wara r-Rikors tad-Direttur Ġenerali**.

Id-Direttur Ġenerali rikorrent isostni illi l-objettiv primarju tar-rikorrenti huwa li tipprovdi servizz tas-Saħħa Pubblika, li huwa servizz essenzjali fl-aħjar interess tal-komunita. Issostni illi l-azzjonijiet industrijali ordnati mill-MUMN ser jippreġudikaw serjament il-provvizjon tas-servizz tas-Saħħa Pubblika u dana b'dannu, possibilment irreparabbli, għall-pazjenti u utenti tal-istess servizz.

Ir-rikorrenti issostni wkoll illi l-azzjonijiet industrijali iddikjarati mill-MUMN u komunikati lir-rikorrenti għandhom l-effett jwaqqfu l-operazzjonijiet kollha f'pajjiżna inkluż ukoll dawk ta' emerġenza, liema operazzjonijiet huma parti integrali mis-servizz essenzjali li għandu jedd għalih l-utent tas-servizz tas-saħħa.

Raġuni oħra mressqa mid-Direttur Ġenerali hi illi l-azzjonijiet industrijali ddikjarati mill-MUMN huma sproporzjonati u għal kollox eċċessivi stante li skond ir-rikorrenti, b'konsegwenza tal-istess azzjonijiet industrijali qegħda

[3] Dental Surgery Assistants
[4] Decontamination Sterilising Technicians

titpoġġa f'periklu serju s-saħħa u anke l-ħajja tal-utenti tas-servizz tas-saħħa pubblika.

Tissottometti għalhekk id-Direttur Ġenerali illi:

1) Għandha dritt *prima facie* tissalvagwardja u tassigura l-proviżjoni ta' servizz essenzjali ai termini tal-Artikolu 64 (6) tal-Kapitolu 452 tal-Liġijiet ta' Malta, kif ukoll illi twaqqaf azzjonijiet industrijali illeġittimi li se jwasslu għal dannu tal-provvista tas-serivzz tas-saħħa in ġenerali;

2) L-azzjoni industrijali u/jew direttivi relativi tal-MUMN se jkunu ta' preġdizzju għall-provviżjoni tas-servizz tas-saħħa pubblika u dana b'detriment tal-interess tal-komunita';

3) Dan il-preġudizzju ser ikun irrimedjabbli tenut kont tal-ħsara u limitazzjoni serja li ser tkun imposta fuq l-operazzjonijiet mediċi inkluż dawk ta' natura t'emerġenza.

**Id-Difiża tal-MUMN**.

Min-naħa tagħha l-MUMN b'risposta tal-20 ta' Settembru 2021 tilqa' għal dan ir-rikors billi topponih għar-raġunijiet segwenti minnha mogħtija:

1) L-elementi meħtieġa għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni ma jirriżultawx;

2) Il-Ftehim Settorali tal-phlebotonists, tad-decontamination sterilising technicians u tad-dental surgery assistants ilu li skada mill-aħħar tas-sena 2020 u n-negozjati għadhom ma waslux għall-ftehim u li għalhekk l-MUMN tissottometti li ma kelliex triq oħra ħlief li tieħu l-azzjonijiet industrijali mertu ta' dan ir-rikors;

3) Illi l-MUMN issostni illi fl-azzjonijiet industrijali minnha meħuda hija ħadet ħsieb illi ma jservux sabiex ipoġġu f'periklu s-saħħa tal-pazjent;

4) Illi skond l-MUMN l-azzjonijiet industrijali minnha intrapriżi ma jeffetwaw l-ebda operazzjoni ta' emerġenza; ġew eżentati mill-effett tad-direttivi industrijali erba' swali ta' operazzjonijiet; u ġew eżentati operazzjonijiet li ma humiex ta' emerġenza li pero' ser jitwettqu minn konsulenti barranin li ġew Malta appożitament biex jagħmlu dawn l-interventi kirurġiċi; ġew eżentati l-operazzjonijiet kollha ta' dentistrija ta' emerġenza inkluz dawk ta' persuni bi bżonnijiet speċjali; ġew eżentati wkoll is-servizzi kollha għal dak li jirrigwarda t-teħid tad-demm f'emerġenzi, interventi meħtieġa għal sitwazzjonijiet ta' ċerta importanza bħat-test tad-demm magħruf bħala international normalised ratio (INR). Tqis għalhekk l-MUMN illi l-azzjonijiet industrijali minnha ordnati, għalkemm għandhom ċertu impatt pero' ma jpoġġux is-saħħa tal-pazjent f'periklu;

5) Tqis l-MUMN illi prova ta' kemm id-direttivi tagħha ma poġġewx is-saħħa tal-pazjenti fil-perikolu huwa li bejn id-9 ta' Settembru 2021 u l-14 ta' Settembru 2021 b'effett tad-direttivi minn 335 operazzjonijiet medika skedata ġew kanċellati biss 20.

6) Għalhekk l-MUMN issostni illi t-talba għall-ħruġ tal-mandat ta' inibizzjoni mid-Direttur Ġenerali rikorrenti hija intiża sabiex ixekkel id-drittijiet kostituzzjonali tal-MUMN u tal-membri tagħha u li ma jirriżultawx l-estremi għall-ħruġ ta' tali mandat.

Ikkunsidrat;

**Provi**.

**Id-Direttur Ġenerali rikorrenti resqet is-segwenti xhieda**:

Xhedet bil-mezz ta' affidavit **Celia Falzon, Kap Eżekuttiv tal-Isptar Mater Dei**.

Spjegat illi nhar it-Tnejn 6 ta' Settembru fid-disgħa neqsin kwart ta' filgħaxija intbgħatet email mis-Sur Paul Pace, President tal-MUMN, lill-awtoritajiet tas-

saħħa fejn ġiet komunikata id-direttiva industrijali li l-MUMN indirizzat lill-impjegati responsabbli mill-isterilizzazzjoni tal-istrumenti u għodod varji li jintużaw mill-isptar Mater Dei, primarjament fit-teatri tal-operazzjonijiet, iżda anke mill-iswali tal-istess sptar, mill-Out Patients u mid-Dipartiment tal-Emerġenza li kienet tgħid:

"1) The DST's will only prepare sterilization packs for MOT Pillar 4 being the Cepod and the Trauma theatre (both emergency theatres). Also operation packs regarding the scoliosis are to be done since such operatons are done by a visiting consultant".

Ix-xhud spjegat illi b'effett ta' din id-direttiva kienu ser jiġu posposti indefinittivament mat-tmenin (80) operazzjoni kuljum. Il-kap eżekuttiv tal-isptar spjegat illi b'effett tal-pandemija COVID-19 ħafna pazjenti qagħdu lura milli jmorru għall-kura u issa l-kundizzjoni tagħhom aggravat b'dan illi fil-preżent l-isptar qed jesperjenza ħafna każijiet urġenti minħabba l-impatt tal-pandemija fuq it-throughput tad-Dipartiment tal-operazzjonijiet.

Hija għalhekk tkellmet mas-Sur Pace li jirrappreżenta l-MUMN sabiex tassigura li l-każijiet urġenti jibqgħu għaddejjin u qablu verbalment illi Mr Walter Balzan, il-Medical Director tal-Isptar Mater Dei kellu jikkomunika mas-Sur Pace jekk ikun hemm xi riskju li operazzjoni urġenti ma setgħatx issir b'effett tad-direttivi.

Sabiex l-operazzjonijiet ippjanati ma jiġux imħassra indefinittivament l-amministrazzjoni tal-Isptar Mater Dei laħqu arranġament urġenti mal-Isptar Ġenerali ta' Għawdex sabiex l-isterilizzazzjoni tal-istrumenti li b'effett tad-direttivi tal-MUMN ma kienux ser isiru f'Mater Dei, jintbgħatu l-Isptar Ġenerali ta' Għawdex sabiet isiru hemmhekk. Spjegat li pero' li fid-9 ta' Settembru 2021 ġiet informata mill-Isptar ta' Għawdex li l-MUMN kienet estendiet id-direttivi tagħha għal dak l-isptar u għalhekk l-istrumenti kollha li kienu intbgħatu Għawdex kellhom jintbgħatu lura Malta mingħajr ma laħqu ġew sterilizzati.

Għalhekk saru arranġamenti ma' sptarijiet privati sabiex l-isterizzazzjoni tibda ssir għandhom iżda mill-ewwel iltaqgħu ma' diffikultajiet kbar peress li dawn

l-isptarijiet ma humiex attrezzati sabiex jilqgħu għad-domanda kbira li jiġġenera l-Isptar Mater Dei. Għalkemm l-istrumenti bdew jiġu sterilizzati fl-isptarijiet privati xorta waħda; peress li ma bdewx ilaħħqu mad-domanda, bdew jiġu kanċellati xi operazzjonijiet.

Fis-17 ta' Settembru 2021 fis-2.21pm il-Kap Eżekuttiv tal-Isptar irċeviet email mingħand is-Sur Pace għan-nom tal-MUMN li permezz tagħha ġiet informata li kienu żdiedu d-direttivi lill-impjegati responsabbli mill-isterilizzazzjoni tal-istrumenti u għodod varji li jintużaw mill-isptar.

Spjegat li dik id-direttiva ġiet fis-seħħ b'mod immedjat u waqqfet lid-*Decontamination and Sterilization Tachnicians* milli jsegwu rwol kruċjali tal-*job description* tagħhom li jinkludi, "Performs routine testing of sterilisers and other CSSD equipment and completion of log books. Undertakes routine quality assurance and control checks." Spjegat illi malli daħlet fis-seħħ din id-Direttiva "l-isptar ma setax ikompli jopera aktar għaliex kull operazzjoni kienet tkun ta' periklu għall-pazjent."

Xhed bil-mezz ta' affidavit **Mr Walter Busuttil, Direttur Mediku tal-Isptar Mater Dei**:

Ix-xhued beda billi spjega illi b'effett tal-azzjonijiet industrijali ordnati mill-MUMN lid-DST's "… l-Isptar Mater Dei kellu jikkanċella numru sostanzjali ta' operazzjonijiet, partikolarment fid-dipartimenti tal-uroloġija u tal-ortopedija minħabba nuqqas ta' l-istrumenti sterilizzati għad-disposizzjoni tas-swali tal-operazzjonijiet. Konsegwenza oħra kienet aktar dewmien fit-'trauma lists'. Spjega illi il-maġġioranza tal-każijiet tal-uroloġija huma ta' natura urġenti jew huma relatati ma' operazzjonijiet ta' pazjenti bil-kanċer.

Xhed illi b'bħala *management* għamlu dak kollu possibbli sabiex ma jiġux kanċellati operazzjonijiet u għal dan il-għan bdew jagħmlu anke *outsourcing* tas-servizz milqut bid-direttivi tal-MUMN iżda mhux dejjem kien possibbli li jlaħħqu mad-domanda speċjalment wara li l-MUMN eskalat id-direttivi tagħha fis-17 ta' Settembru 2021.

Xhed illi wara li daħlu fis-seħħ id-direttivi tal-MUMN huwa kien personalment ikkomunika diversi drabi mas-Sur Pace sabiex "niġbidlu l-attenzjoni dwar id-detriment li kien qed jinħoloq fuq il-kumplament tal-ħaddiema tal-Isptar u speċjalment fuq il-pazjenti nnfushom kawża tal-azzjonijiet. Saħansitra ġbidtlu l-attenzjoni meta kien hemm sitwazzjonijiet speċifiċi fejn l-azzjonijiet kienu qed ipoġġu s-sigurta tal-pazjent f'riskju, madankollu ma ttieħdet l-ebda azzjoni min-naħa tal-Union sabiex tirrimedja dawn ir-riskji."

Ikkonkluda x-xhieda tiegħu hekk:

"Nisħaq illi l-iżjed parti perikoluża tul dawn l-azzjonijiet industrijali kien il-fatt li l-ħaddiema tas-CSSD li kienu qegħdin isegwu l-azzjonijiet, bdew jinjoraw it-talbiet ta' każijiet urġenti magħmula mill-professjonisti tas-saħħa għaliex bdew jiddeċiedu huma jekk il-każ huwiex urġenti jew le - deċiżjonijiet li żgur m'humiex ikkwalifikati jew esperjenzati biex jiddecieduhom huma."

Xhed bil-mezz ta' affidavit **Mr Ivan Esposito, Konsulent fid-Dipartiment tat-Trauma u Ortopedija.**

Spjega illi fil-perijodu bejn il-bidu tad-direttivi tal-MUMN sakemm ġew sospiżi bil-ħruġ provviżorju tal-mandat ta' inibizzjoni id-dipartiment tiegħu ma kienx f'posizzjoni li jitratta pazjenti f'każ ta' incident maġġuri fil-pajjiż. Spjega li fid-Dipartiment tat-Trauma ma hux possibbli li wieħed jiskeda l-istrumenti meħtieġa għall-operazzjonijiet minn 24 siegħa qabel, għaliex kif jindika l-istess isem tad-dipartiment dawn l-operazzjonijiet huma imprevvedibbli u mhux pjanati. Inoltre, mhux l-ewwel darba li anke operazzjoni ppjanta sal-inqas dettal ikollha bżonn tinbidel dak il-ħin u jkunu meħtieġa strumenti oħra.

Xhed illli huwa perikoluż immens li kirurgu jopera b'set wieħed ta' għodda mingħajr *back up*, għaliex l-istrumenti jistgħu jinzertaw difettużi, ma jaħdmux sew jew aċċidentalment jaqgħu ma' l-art u ma jkunux jistgħu jintużaw u jkun meħtieġ li jiġu rimpjazzati immedjetament.

Spjega illi b'effett tal-azzjonijiet industrijali kellhom jiġu posposti numru ta' operazzjonijiet fid-dipartiment tiegħu b'konsegwenza li "…il-pazjenti jkunu qegħdin f'riskju ta' komplikazzjonijiet f'saħħithom u li saħansitra jkunu fil-periklu li jitiflfu riġlejhom jew ħajjithom."

Xhed illi fil-ġranet li damu fis-seħħ l-azzjonijiet industrijali kien hemm każ partikolari fejn il-ħaddiema li huma nkarigati mill-isteriliżżazzjoni tal-istrumenti irrifjutaw li jnaddfu set partikolari ta' strumenti li jkollhom bżonn jintużaw waqt operazzjoni ta' *fractured hip* ta' pazjenti li għadhom zgħar fl-eta'. "Saret talba sabiex jiġu sterilizzati l-istrumenti min-Nursing Floor Manager, mit-Theatre Manager u anke mic-Chairman tad-Dipartiment tal-Ortopedija, Trauma u SEM. Dawn it-talbiet kollha ġew injorati u l-istrumenti ma kinux provduti bil-konsegwenza li seta' kien ta' detriment għal pazjent…………..Apparti dan nixtieq insemmi li ic-CSSD tissuplixxi wkoll dipartimenti oħra barra mit-teatri, bħall-Emerġenza, is-swali u l-outpatients. Dawn kollha għandhom bżonn strumenti sterilizzati biex joperaw u għalhekk anke f'dawn l-istanzi is-saħħa tal-pazjent qed tiġi perikolata."

**Mr Stephen Mattocks, Clinical Lead Urology tal-Isptar Mater Dei** xhed li huwa jopera fuq kliewi, bużżieqa ta' l-awrina, prostata, ġebel, kanċer tal-kliewi, kanċer tal-prostata, kanċer tal-borża ta' l-awrina u operazzjonijiet li għandhom x'jaqsmu mas-sistema urinarja tal-ġisem.

Jispjega li bid-direttivi, apparti l-effetti tal-pandemija, id-dipartiment tal-uroloġija għandu *backlog*. Xhed li l-intervent ikun jeħtieġ aktar minn tip ta' apparat wieħed u dan għaliex jekk f'każ ta' ġebla, dik ma tintlaħaqx b'ċertu apparat, ikun jeħtieġ l-użu ta' apparat ieħor. Jgħid li meta jibdew l-intervent jeħtieġ li huma jkollhom l-apparati kollha għal dak kollu li jista' jinqala.

Spjega li hemm xi għaxar settijiet kompluti, li ġieli intużaw f'ġurnata u nofs, jekk dawn ma jkunux lesti, jiġri li jekk tinqala' emerġenza dik ma tistax tiġi trattata. Spjega li bl-ewwel sett ta' direttivi tas-6 ta' Settembru kien hemm każ fejn "mara kellha bzonn intervent mid-dipartiment tal-ginekologija, kellha bzonn operazzjoni u peress li l-intervent kien pjanat li ha jkun difficli, biex ma

jkunx hemm hsara lil urator li hija tubu irqiq li tghaddi l-awrina mill-kliewi ghal gol-buzzieqa allura ahna gieli jghajtulna biex naghmlu pajpijiet qabel ma jibdew il-kaz, pazjenta tkun rieqda biex dawn il-pajpijiet iservu bhala warning u marker biex il-ginokologista jaghrafhom u ma jaghmlilhomx hsara,.... Issa biex idahhal dawn il-pajpijiet normalment ikollna bzonn rigid systoscope, x ray [...] u certu apparat. Dakinhar rigid systoscope ma kellnix jigifieri kellna 'niddubbaw', b'apparat, uzajna *flexible systoscope* li kien available imma mhux bilfors kien jirnexxielna. Kieku ma rnexxilnix kien ikollna problema jigifieri seta' kien hemm danni li meta gew biex inehhu l-utru jaghmlu hsara lil urators."

Ix-xhud spjega li kien hemm ċirkostanzi fejn huwa kellu jikkanċella operazzjoni tat-tip *elective* għax ma kellux apparat. Jgħid li bħalu kien hemm kollegi oħra tiegħu fl-istess dipartiment.

Dwar il-proċedura *elective* x-xhud spjega hekk:

"elective jfisser li mhux ta' hajja jew mewt dak il-hin. Ma jfissirx li jekk ma taghmilx l-intervent ma jigri xejn, meta ma taghmilx l-intervent tkun hloqt delay ghall-intervent, f'dak l-intervall jista' jkun hemm il-komplikazzjonijiet u ha naghti ezempju semplici. Mela xi hadd b'gebla qed tibblukkalu l-kilwa, mhux kompletament blukkat, kellhu z-zokkor, kellhu bzonn isirlu pipe temporanjament nghidulu stand ma sarx, stenna sa l-ghada jew jumejn wara, f'dak l-intervall seta' jmur septic jigifieri jkollhok infezzjoni qawwija minhabba l-blockage specjalment f'nies li ghandhom iz-zokkor u jispiccaw l-ITU u hemm anke possibilita ta' mewt. Meta jkollhok septic shock il-konsegwenzi huma gravi jigifieri elective ma jfissirx li jekk ma taghmilix mhux ha jigri xejn, jekk ma taghmilix hemm riskju li jista' jinqala' xi haga."

Dwar it-tieni sett ta' direttivi tas-17 ta' Settembru fejn ma jsirux testijiet ta' sterilizzazzjoni fuq l-apparat, ix-xhud jgħid li meta jintuża apparat li m'hemmx garanzija li huwa sterilizzat wieħed ikun qiegħed jieħu riskju li jdaħħal mikrobu fil-ġisem, il-pazjent jista' jispiċċa b'infezzjoni li tista' twassal għal *septic shock* bil-possibilità li wieħed imur l-ITU.

Waqt il-kontro-eżami ġie mistoqsi jekk hijiex normali li jkun hemm dewmien min-naħa tal-isptar stess sabiex isir intervent fuq nies li jeħtieġ *elective procedure,* ix-xhud spjega li jkun hemm perjodu ta' dewmien. Jgħid li però ma jkunx hemm dewmien f'każ ta' tumur u f'każ ta' ġebla id-dewmien ikun ta' ġimgħat. Ix-xhud jikkonferma wkoll li ġieli tħassru operazzjonijiet għaliex jispiċċaw mingħajr ħin għax l-operazzjoni preċedenti tkun ħadet ħafna ħin. Xhed illi kien hemm xi operazzjonijiet li kellhom jiġu kanċellati u f'oħrajn jimprovizzaw biex ikunu jistgħu jagħmlu x-xogħol. Qabel li l-operazzjonijiet t'emerġenza li kellu hu kollha saru għalkemm kien hemm dewmien (ix-xhud juża l-kelma *delay*) f'każ wieħed, però ma setax jitkellem għal kirurgi l-oħra. Jispjega li l-istrumenti jkunu lesti sabiex jintużaw f'operazzjonijiet *elective* u jekk ikun hemm emerġenza dak l-istrument jittieħed mill-*elective* sabiex jintuża għal CEPOD.

Mistoqsi kemm-il sett ippreparat wieħed għandu bżonn sabiex jimxi b'mod normali ix-xhud spjega li hu f'ġurnata ġieli kellu tmien operazzjonijiet, li jfisser li għandu bżonn tmien settijiet lesti. Jgħid li l-għada l-kollega tiegħu jaf ikollu sitta jew seba' operazzjonijiet u għalhekk l-apparat irid ikun lest għal dawk l-interventi, jekk ma jkunux lesti xi operazzjonijiet jiġu kanċellati. Jgħid li jkun hemm *turn around time* mgħaġġel. Jista' jagħti l-każ li minn dawk is-settijiet preparati, jkun hemm xi sett li jkollu l-ħsara u li għalhekk irid jitneħħa miċ-ċirkulazzjoni. Ix-xhud jgħid li dawn huma pressjonijiet li jiltaqgħu magħhom ta' kuljum mingħajr direttivi, "ahseb u ara meta jkun hemm problema bis-supply tas-settijiet mhux imnaddfa kif suppost."

Xehed il-**Kirurgu u *Deputy Medical Director* Mr Joseph Debono** fejn spjega li meta daħlu fis-seħħ d-direttivi tal-MUMN ċertu strumenti ma kienux qegħdin ikunu disponibbli fit-teatru. Jispjega li hemm tlett tipi ta' emerġenzi: (a) dawk li jidħlu malajr u f'ħakka t'għajn trid toperahom, (b) dawk li huma urġenti u jeħtieġu attenzjoni immedjata bħala *appendix* u musrana blukkata, u (ċ) dawk il-pazjenti li jsofru minn kanċer li jistgħu jigravaw bħal kanċer tas-sider u kanċer tal-musrana. Ix-xhud jgħid li fuq il-lista hekk magħrufa bħala *CEPOD list* fejn iħallu spazju għall-emerġenzi u każijiet urġenti ta' kuljum bħal per eżempju appendix. Iżda hemm ukoll dawk l-emerġenzi fejn l-intervent kirurġiku ma jsirx

ġewwa *CEPOD theatre* għar-raġuni li jkunu jeħtieġu kompetenza speċjalizzata iżda jsiru fit-teatri appożiti armati bl-apparat meħtieġ u jagħti s-segwenti eżempji: "n-nuero surgery jekk xi hadd qala' xi daqqa fuq rasu u qed jiblidja internament, l-operation issir got-theatre fejn isir in-nuero surgery. Jekk xi hadd iblokkatlu l-kilwa b'gebla u trid tigi zblukkata l-kilwa trid issir fit-teatru tal-urology, jekk xi hadd dahhal hgiega f'ghajnejh trid issir fl-ophthalmic." Ġara iżda li bid-direttivi tal-union l-apparat u l-istrumenti meħtieġa ma kienux qegħdin jiġu preparati ċioe l-infermiera kienu qegħdin jintalbu jinformaw lil CSSD (*sterilsation department*) biex jagħmlu l-istrument iżda dawn kienu jirrifjutaw li jagħmluhom. Meta ġie mistoqsi jiċċara x'ried ifisser 'jirrifjutaw li jagħmluhom' ix-xhud spjega li kien qed jiġri huwa li filwaqt li l-kirurgu jqis li każ huwa urġenti DSTs bdew jiddeċiedu x'għandu jiġi meqjus urġenti jew le. Jispjega li d-deċiżjoni jekk każ huwiex urġenti hija tal-kirurgu li jopera lill-pazjent u mhux tat-tekniku. Ġara iżda li t-tekniku beda jagħżel li ma jagħtix strumenti għax iqis li l-każ mhux urġenti. Għalhekk b'din id-direttiva l-istrumenti li kienu meħtieġa ma kienux qegħdin jiġu preparati, u jekk waqt l-intervent jinqala' xi ħaġa u jkun hemm il-ħtieġa ta' strument ieħor, dak l-istrument ma ssibux. Ix-xhud spjega li sussegwentement inħarġet direttiva oħra mill-MUMN dwar l-isterilizzazzjoni tal-istrumenti tal-kirurgija li b'effett tagħha il-kirurgi ma setgħux ikunu jafu jekk l-istrumenti li ser jużaw kienux sterilizzati biżżejjed.

Ix-xhud spjega li f'każ ta' inċident maġġuri, ċioe meta jweġġgħu aktar minn erba' min-nies, jeħtieġ li jkun hemm minn tal-anqas ħames settijiet ta' strumenti u affarijiet oħra li jridu jkunu lesti u mnaddfin fit-teatru. Bid-direttivi ma kienx qed ikun hemm ħames settijiet disponibbli iżda kienu qegħdin iħallu sett wieħed biss jiġifieri jekk kien hemm persuna oħra li weġġgħet fl-istess ħin fl-istess kundizzjoni l-kirurgi ma kellhomx l-istrumenti suffiċjenti sabiex joperaw. Ix-xhud spjega li kieku ma nħariġix il-mandat sabiex jitwaqqfu provviżorjament id-direttivi, kienu ser jitħassru seba' operazzjonijiet tal-kanċer tas-sider u dawk huma biss operazzjonijiet tiegħu. Jgħid li l-kollegi tiegħu kellhom ukoll operazzjonijiet fuq pazjenti tal-kanċer li kienu ser jiġu mħassra. Meta ġie mistoqsi kemm-il kirurgu hemm, ix-xhud jgħid li hemm tlettax-il kirurgu

ġenerali, erbgħa CEPOD, xi sebgħa *ophthalmic*, ħamsa *cardiac,* tlieta *vascular,* tlieta *neuro,* tlieta *paediatrics* u oħrajn.

Xehed **il-Kirurgu Vaskulari il-Professur Kevin Cassar**. Beda billi spjega li x-xogħol tagħhom huwa maqsum fi tnejn: (a) hemm il-qasam tal-inċidenti eżempju meta jidħlu b'daqqiet ta' sikkina jew sparaturi jew inċident tat-traffiku fejn l-arterji fiż-żaqq, fis-sieq jew fl-għonq ikunu inqatgħu jew nfaqgħu, u (b) is-sezzjoni fejn ikun hemm nies li jkollhom mard fl-arterji li jista' jwassal għal mewt jew telf ta' riġel jew anqas komuni ta' id jew parti mid-driegħ. Fir-rigward tad-direttivi li daħlu fis-seħħ fis-6 ta' Settembru, il-Professur Cassar spjega li kien qed ikollhom strument wieħed biss preparat u għalhekk jekk f'lejl jidħlu żewġ pazjenti b'kundizzjoni l-aktar serja fejn tinfaqa' l-arterja taż-żaqq, wieħed mill-pazjenti ma kienx ikun jista' jiġi operat bil-perikolu li jmut. Kompla jgħid li "l-istess japplika ghaliex nuzaw l-istess tipi ta' strumenti ghal interventi kbar wara ncidenti tat-traffiku jew sparaturi jew daqqiet ta' sikkina jew attentati ta' suwicidju, jigifieri li kien qed jinkwetana huwa l-fatt li nafu nigu f'sitwazzjoni fejn ghandna dawn is-sitwazzjonijiet fejn nistghu nsalvaw il-hajja u minhabba nuqqas ta' strumenti ma nkunux nistghu". Jispjega li seta' jagħti l-każ li f'każ ta' arterji miżdudin, riġel jew id setgħet tintilef minħabba nuqqas ta' strumenti. Jgħid li waqt id-direttivi kellu jsir intervent biex persuna ma jatihiex puplesija iżda dan l-intervent ma setax isir għax ma kienx hemm l-istrumenti disponibbli.

Mistoqsi kemm-il sett kien ikollhom preparat fit-teatru qabel daħlu fis-seħħ id-direttivi, ix-xhud spjega li kien ikollhom tmienja, però bid-direttiva fil-każ ta' eżempju *aneurysm* kien qiegħed jiġi preparat sett wieħed "jigifieri anke jekk per ezempju xi hadd bil-genn waqalu xi haga dak ma nistawx nuzawh fuq il-pazjent ghax ikun ikkontaminat. Jigifieri anke jekk incidentalment inti lqat xi haga jew xi hadd waqalu xi haga, jew meta n-nurse ghaddietlek strument u waqalek minn idejk m'ghandix replacement ghalih jigifieri l-inkwiet taghna hu li nigu f'din is-sitwazzjoni antipatka fejn inti tista ssalva l-hajja ta' xi hadd u minhabba nuqqas ta' strumenti ma tistax u ovjament ma nixtiequx li nkunu f'dik is-sitwazzjoni."

Dwar it-tieni direttivi li ma ssirx *quality control* fuq l-istrumenti, ix-xhud jispjega li jkun hemm istanzi li jużaw materjali artifiċjali (*prostatic material*) u

fejn ir-riskju għal infezzjonijiet tiżdied drastikament, għalhekk huwa importanti li jkunu ċerti li m'għandhomx mikrobi. Jgħid li infezzjoni f'ġisem ma tidhirx dak il-ħin iżda 'l quddiem fejn tista' tkun fatali. Ix-xhud jgħid li huwa jrid ikollu s-serħan tal-moħħ li l-istrumenti li qed juża huma sterilizzati.

L-MUMN bdiet il-provi tagħha billi sejħet bħala xhud lis-**Sinjura Celia Falzon, Kap Eżekuttiv tal-Isptar Mater Dei.** L-avukat tal-MUMN irrefera għal rapport li deher f'The Times of Malta fil-15 ta' Settembru 2021 fejn ġie rappurtat li: "*According to the Health Ministry the vast majority of operations have gone ahead as scheduled since the Nurses Union initiated industrial action that impacted the sterilization of soiled surgical instruments a week ago".* Ix-xhud ikkonfermat dak li ntqal mill-Ministeru tas-Saħħa; tikkonferma li l-maġġoranza tal-operazzjonijiet saru u tikkonferma li kien hemm operazzjonijiet li ġew kanċellati.

In kontro-eżami x-xhud tispjega li l-operazzjonijiet setgħu isiru għaliex għamlu arranġamenti biex l-istrumenti jiġu sterilizzati mill-isptarijiet privati. Tispjega li din ma kinitx faċli u dan għaliex kien hemm problemi fi sptar wieħed fejn il-makkinarju tiegħu sabiex isir l-isterilizzar ma kellux il-kapaċità li jisterilizza l-ammonti ta' xogħol li kien qiegħed jingħata mill-isptar. Tgħid li qabel għamlu dawn l-arranġamenti, huma ppruvaw jagħmlu użu mill-faċilitajiet tal-Isptar t'Għawdex u għalkemm inizjalment il-persuni responsabbli aċċettaw, kien hemm korrispondenza mal-Union fejn dawn tal-aħħar ħarġu direttivi lill-impjegati tal-Isptar t'Għawdex sabiex huma wkoll ma jnaddfux strumenti ta' Mater Dei. Fir-rigward ta' xogħol li kien qiegħed isir mill-isptarijiet privati, ix-xhud tgħid li kien hemm ilmenti mill-istaff ta' sptar privat minnhom li bdew joġġezzjonaw li jagħmlu dak i-xogħol kollu u mill-informazzjoni li ingħatat lilha, ix-xhud tgħid li t-22 ta' Settembru kienet ser tkun l-aħħar ġurnata li dak l-isptar kien ser jassistihom.

Tgħid li hija bħala CEO irċeviet ilmenti minn kirurgi li ma setgħux joperaw.. Tgħid li l-ewwel ġurnata li ma kellhomx strumenti kien il-11 ta' Settembru jew ġurnata qabel sal-15 ta' Settembru. Għall-mistoqsija kemm il-operazzjoni kienet tiġi kanċellata li kieku ma irrikorrewx għal għajnuna mill-isptarijiet privati, ix-

xhud tgħid li mill-kalkoli li għamlu huma kienu ser jiġu kanċellati 80-il operazzjoni kuljum.

Xehed **is-Sur Paul Pace**, **President tal-MUMN.**

Mistoqsi dwar il-laqgħat ta' konċiljazzjoni jgħid illi l-konċiljaturi kienu talbu erba' xhur sabiex jagħmlu l-proposti tagħhom. Rigwardanti d-direttivi tal-MUMN ix-xhud spjega li d-direttivi kienu ndirizzati għall-operazzjonijiet li kienu fuq il-*waiting list*.

Xhed li kien hemm eċċezzjoni għall-operazzjonijiet li kellhom isiru fuq id-dahar tat-tfal fejn kien ġie professur minn barra jopera, liema operazzjonijiet baqgħu għaddejjin irrelevanti jekk kienux urġenti jew le. Ix-xhud spjega li d-direttivi tas-6 ta' Settembru kienu immirati għal tlett setturi: *dental surgical assistants (DSA), dental surgical technicians* u *phlebotomist*. Jispjega li DSAs jassistu lid-dentist u jagħmlu ċerti proċeduri fuq il-pazjent però m'għandhomx x'jaqsmu mal-istelizzar. Jgħid li hawn għamlu eċċezzjoni fejn jidħlu emerġenzi, tfal b'diżabilità u ċertu ċirkostanzi speċjali. Jgħid li bid-direttivi kienu ser jitħassru dawk l-interventi li kienu fuq il-*waiting list* u li jistgħu jistennew però ma ġewx affettwati l-emerġenzi. Ix-xhud jispjega li f'dan il-qasam bdew jintużaw infermiera sabiex jagħmlu xogħol ta' DSAs. Jgħid li huma dan ma waqfuhx milli jsir. Jikkonferma li d-direttiva li ħarġet kienet indefinita.

Dwar il-Phlebotomists ix-xhud jgħid li d-direttiva ma kinitx taffettwa lill-pazjenti tal-kanċer li kellhom bżonn jieħdu d-demm iżda kellhom jiġu affettwati biss dawk tal-appuntament. Ix-xhud jgħid li dawk tal-appuntament inqdew ukoll għax intużaw iċ-ċentri tas-saħħa.

Dwar id-DSTs u ċioe dawk li jisterelizzaw l-istrumenti, ix-xhud jgħid li l-kwistjoni kienet ilha teskala minn sitt xhur qabel id-direttivi fejn kien hemm problemi dwar *scientific officer*, fejn xogħol li kellu jsir ma kienx qiegħed isir jew isir wara ħmistax. Ix-xhud jispjega li kien qiegħed jiġri kien li t-testijiet kienu qegħdin isiru għalxejn peress li s-*scientific officer* ma kienx qiegħed jagħmel xogħlu billi jiċċekkja r-riżultati, anke meta r-riżultati joħorġu ħżiena, u

kien għalhekk li qalulhom ma jagħmlux testijiet aktar. Ix-xhud spjega li hemm *scientific officer* wieħed. Jgħid li dan l-uffiċċjal wasal anke sabiex hedded il-ħaddiema u kien għalhekk li ħassew il-ħtieġa li joħorġu d-direttiva tas-17 ta' Settembru 2021.

Xehdet is-**Sinjura Mariella Catania**, **Senior CSSD fl-Isptar Mater Dei.**

Spjegat li huma jisterilizzaw l-għodod tal-isptar kif ukoll tal-kliniċi u anke sptarijiet privati. Bħala proċedura qalet li jkun hemm affarijiet li jitnaddfu b'mod manwali u oħrajn bil-magni. Kompliet tispjega li:

"[mill-]magna toħroġ *chart* biex turi l-proċess kollu li huwa sar jigifieri dak huwa wiehed milli japprova li t-test huwa vera tajjeb bhala testijiet li naghmlu manwali. Imbaghad jghaddi ghal gol-packing area wara li jigi ccekjat jigifieri kollox li m'ghandniex istrumenti neqsin, imbaghad jidhol gol-packing area wara li johrog mill-magna, jigi ccekjat hemmhekk li l-magna haslet tajjeb alavolja gieli jkollna packs li xorta johorgu mahmugin. In-nies jiccekjaw ix-xoghol haga haga l-istrumenti biex zgur ma jkunx hemm debris. Hemmhekk jigi ssortjat skont il-lista tal-operazzjoni skont xi jkun is-sett biex ma nhallux nieqes biex fl-ahhar tat-theater meta jigi operat il-pazjent mhux isibu xi haga nieqsa u jkollna l-mistoqsija jekk dan setax thalla go pazjent jigifieri n-nies iqabblu ezatt ma' kull kelma li hemm iqabblu l-istrument.

Dan jigi ppakjat, titwahhal test gewwa jigifieri n-nurse meta tifthu trid tara li dak il-kulur inqeleb, hemmhekk hemm test li juri li ha l-isterelization u jidhol gewwa l-autoclave. [...] L-autoclave huwa fejn jigi sterelizzat fejn jilhqu temperaturi, arja, process wiehed wara l-iehor fejn il-pack jigi sterelizzat. Il-pack nindunaw ukoll li jkun ha l-isterelization ghax nuzaw tape apposta li huwa chemical tape li mas-shana jeqleb il-kulur. Wara li jitlesta dan jittiehed minn fuq it-trolley u jigi ppustjat fuq xi xkafef jew inkella jittiehed it-theaters, jew jitqassmu gol-wards skont id-destinazzjoni taghhom."

Tispjega wkoll li huma jaħdmu ma' *scientific officer*, però minn Mejju nħolqu problemi bejniethom fuq il-kwalità tax-xogħol u nonostante li ilu jiġi rappurtat

lill-amministrazzjoni minn Mejju dwar l-affarijiet li kien qiegħed jiġri, baqa’ ma sar xejn. Tispjega li dan l-uffiċċjal isir aggressiv malli jiġbdulu l-attenzjoni ta’ xi affarijiet. Tgħid li dan l-uffiċjal ma jafx jagħmel testijiet nonostante li dan għandu responsabiltà ta’ *quality assurance*. Ix-xhud tgħid li t-testijiet li suppost qiegħed jagħmel dan l-uffiċjali qed jagħmluh huma. Spjegat li huma jagħmlu testijiet b’likwidu u hemm testijiet minnhom li jsiru bi *protein* fejn l-oġġett li ħareġ mill-magna jiġi swobbjat bl-ilma imbagħad jitfaw l-iswob ġol-kimika, hekk kif tibdel il-kulur ifisser li l-ħasil ma sarx tajjeb. Ix-xhud spjegat li peress li l-magna tgħidlek li t-tindif sar tajjeb, it-*technician* mhux ser jaċċetta li hemm bżonn ta’ tiswijiet. Ix-xhud tispjega għalhekk li filwaqt li l-magna ħarġet riżultat li turi li l-ħasil sar b’mod tajjeb x’ħin hi teżamina l-istrument manwalment jirriżulta li kien għad għandu t-traċċi tad-demm. Tispjega li sabiex tiżgura ruħha li l-ħasil ikun sar tajjeb, hija terġa titfa’ l-affarijiet għal ħasla oħra. ix-xhud tgħid li meta ġara li l-ħasla fil-verità ma kinitx qed isir tajba, is-*scientific officer* ma kien jagħmel xejn. Tispjega li hemm testijiet minnhom li għal xi żmien kienu u għadhom *out of stock* fejn f’dak il-każ it-testijiet ma jsirux. Tikkonferma li dak l-apparat li ma ġiex ittestjat xorta jintuża waqt l-operazzjoni. Rigwardanti d-direttiva, ix-xhud spjegat li ta’ kull filgħodu kien jiġi l-kap tad-dipartiment tat-teatri, is-Sur Ailes, u kien itihom lista tal-operazzjonijiet li kienu meqjusa bħala ta’ emerġenza u li għalihom kienu jridu jlestu s-settijiet. Tgħid li dik il-lista huma kienu jimxu magħha mingħajr ma jagħmlu mistoqsijiet.

In kontro-eżami x-xhud ġiet mistoqsija dwar il-*job description* ta’ DST, u tikkonferma li fost id-diversi responsabiltajiet, DST huwa responsabbli għas-segwenti:

- *takes responsability for quality and control assurance, documentation, production and maintenance;*
- *Performs routine testing of sterelization and other CSSD equipment and completion of log books;*
- *Undertakes routine quality assurance and control checks*

Ix-xhud ġiet mistoqsija ukoll dwar ir-responsabiltajiet tas-*scientific officer* u ġiet mitluba tindika fil-*job description* li tinsab annessa mal-affidavit ta’ Cylia Falzon minn fejn jirrizulta illi t-testijiet għandu jagħmilhom is-*scientific officer*.

Hija tagħmel referenza għal 3.1 (b) li tipprovdi hekk "*Impliment effective quality assurance and control of all contamination processes*", Ix-xhud tispjega li l-uffiċċjal mhux qiegħed jiċċekkja t-testijiet għax dawn jintremew wara li jsiru. Tgħid li l-uffiċjal qiegħed jagħmel rapporti mingħajr ma jara t-testijiet. Tgħid li qabel daħal *scientific officer* kienu jagħmlu kollox huma xorta bħal ma jagħmlu issa.

Għal dak li qalet ix-xhud dwar s-Sur Ailes, hija ġiet mistoqsija x'tirrispondi dwar is-segwenti email mibgħuta mis-Sur Ailes lil Mr Walter Busuttil:

*"I would like to express my concern about the lack of instrument sets to cover the emergency C Pod services at The National Disaster Plan and The National Disaster Plan. One is to consider that the actual sterile collection includes the instruments which we use for any major incident which can arise at any given time. Only just this morning vascular surgery needed quantity five Branco, Kimolo sets, and the CSD Supervisor on duty except only two tests for sterelization. These CSD Supervisors are currently dictating what is necessary for emergency cover and what isn`t. Obviously this is not all, same goes for the number of lap instruments and other sets which is necessary to support emergencies, we are literally hanging on the most possible thinnest thread".*

Ix-xhud irrispondiet hekk:

"ahna kien kellimna Stanley ukoll li hu meta kien qed jibghat ix-xoghol go sptar privat fejn jinhaslu l-instrumenti li kienu qed jintuzaw dawn flok baghtulu tlieta trolleys baghtulu tlieta ohra, dawn ikunu mimlijin bl-instrumenti jigifieri jekk suppost baghtulu li vera huma iktar emergenza ma baghtulomx lilu baghtu affarijiet aktar komuni u ahna barra dawk konna qeghdin naghmlulhom tnejn minn kull settijiet jigifieri kellhom biex jahdmu u ma ninsewx li hemm is-settijiet dejjem stand by tan-National Disaster. Jigifieri dawn qatt ma gew talbuna t`emergenza li vera ma kellhomx settijiet, qatt"

Ikkunsidrat;

**L-Elementi Meħtieġa għall-Ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni.**

Sabiex jinħareg dan it-tip ta' mandat jeħtieġ qabel xejn li l-Qorti issib li ġew sodisfatti r-rekwiziti kollha li tirrikjedi l-ligi, speċifikament dawk indikati taħt l-**Artikolu 873 tal-Kap. 12** li jipprovdi:

**"1) L-iskop tal-mandat ta' inibizzjoni hu dak li jżomm persuna milli tagħmel kwalunkwe ħaġa li tkun li tista' tkun ta' preġudizzju għall-persuna li qed titlob il-mandat.**

**2) Il-Qorti m'għandhiex toħroġ tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa meħtieġ sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrenti, u li dak ir-rikorrent *prima facie* jidher li għandu dawk il-jeddijiet."**

Jeħtieġ għalhekk li jigu sodisfatti żewg rekwiżiti sabiex ir-rikorrent ikun jistħoqqlu jikseb il-ħrug tal-mandat ta' inibizzjoni:

(a) irid juri li l-mandat huwa meħtieġ sabiex jitħarsu jeddijiet li jippretendi li għandu, u

(b) jkun jidher li għandu, mad-daqqa t'għajn (*prima facie*), dawk il-jeddijiet.

Peress li l-Mandat t'Inibizzjoni huwa att kawtelatorju, u għalhekk jinhareg qabel ma jiġi aċċertat min għandu ragun fil-mertu, il-Mandat jinhareg favur dak li jidher, mad-daqqa t'għajn, li għandu raġun.

**Fumus Boni Iuris; Periculum in Mora**.

F'sistemi legali diversi, inkluz dik nostrana, talbiet għall-ordnijiet bħax-xorta ta' mandat ta' inibizzjoni jiġu akkolti jekk jirriżulta fi proċedura sommarja "a credible claim", l-hekk imsejjaħ "fumus boni iuris". Il-**Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem** f'sentenza mogħtija fit-2 ta' Diċembru 2014 fl-ismiijet

**"Maria Carmela Maniscalco vs l-Italja"**[5]**,** liema sentenza kienet titratta ordni kawtelatorju maħruġ mill-Qorti Taljan, iddefinit il-frażi "fumus boni iuris" bħala "presumption of sufficient legal basis".

Il-liġi tagħna tuża l-frażi "jidher, mad-daqqa t'għajn". Bil-kliem "mad-daqqa t'għajn" wieħed jifhem illi l-ġudikant hu tenut li jqis dak li jirriżulta prima facie u mhux wara xi indaġini approfondita bħalma jsir matujl kawża fil-mertu. Filwaqt li l-frażi "jidher" għandha tinftiehem illi l-jedd pretiż, għalkemm mhux ċert li hu fondat, għandu almenu jitqies li għandu l-potenzjal li jiġi rikonoxxut f'kawża fil-mertu, a kuntrarju ta' ċirkostanza fejn mad-daqqa t'għajn tali pretensjoni tidher mill-ewwel li ma hiex fondata.

Il-ħtieġa li jintwera li l-parti li titlob il-ħruġ ta' Mandat bħal dan ikollha *prima facie* l-jeddijiet pretiżi hija ħtieġa oġġettiva li ma tiddependiex mid-diskrezzjoni tal-ġudikant. Ġie ritenut mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza tal-14 ta' Lulju 1988 fil-kawża **Sonia Grech pro et noe vs. Stephanie Manfrè** li *'huwa rekwiżit oġġettiv u mhux soġġettiv, ma jiddependix mill-element diskrezzjonali tal-ġudikant. Jew il-jeddijiet jidhru prima facie, ma' l-ewwel daqqa t'għajn, jew ma jidhru xejn, għall-finijiet tal-ħruġ tal-mandat.'*

Bl-użu tal-kelma 'u' fit-tieni sub-artikolu tal-Artikolu 873, il-leġislatur ried li ż-żewġ elementi ikunu kumulattivi u mhux alternattivi. B'dan ifisser għalhekk illi jekk wieħed minn dawn iż-żewġ elementi jkun nieqes, il-Qorti għandha tiċħad it-talba għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni. Tajjeb jingħad ukoll li l-proċedura tal-mandat huwa wieħed sommarja, billi m'huwiex mistenni li jitressaq quddiem il-Qorti fi stadju bħal dak kulma jmissu jitressaq quddiemha waqt is-smiegħ tal-kawża dwar l-istess jedd, huwa għalhekk li r-rikorrenti trid turi mad-daqqa t'għajn li hija għandha jedd pretiż.

[5] Applikazzjoni nru. 19440/10

Kif ġie dikjarat fid-deċiżjoni fl-ismijiet "**Malta Union of Teachers vs The University of Malta Academic Staff Association (U.M.A.S.A.) et**." (Rik. Inib. 1066/20) mogħtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fil-25 ta' Settembru 2020:

"… l-Mandat ta' Inibizzjoni huwa meżż proċedurali eċċezzjonali u mhux normali ta' provediment legali. Il-ħarsien li l-liġi timmira għalih fit-talba tal-parti rikorrenti huwa dak li, mingħajr il-ħruġ tal-Mandat, il-jedd li jista' jkollu jitneħħa darba għal dejjem u b'mod irrimedjabbli. Dan ma jfissirx li l-fatt li talba għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni tintlaqa', ikun ifisser li l-jedd huwa ippruvat. Bħalma lanqas ifisser li l-fatt li talba għall-ħruġ ta' Mandat bħal dak ma tintlaqax ikun ifisser li l-jedd pretiż ma jeżistix. It-tiftix li trid tagħmel il-Qorti huwa dak jekk, bl-għamil li minnu qiegħed jibża' r-rikorrent, jistax jintilef darba għal dejjem jedd li l-istess rikorrent jidher li għandu fil-waqt li ħareġ it-talba għall-ħruġ tal-Mandat;

…

l-liġi tħares il-"jedd" prima facie bħala rekwiżit meħtieġ għall-ħruġ tal-Mandat. Wieħed irid jagħraf li l-jedd li jeħtieġ jitħares mhux biżżejjed li jkun sempliċi diffikultà, disaġju jew tħassib. Tagħraf ukoll li jrid ikun jedd li jidher mad-daqqa t'għajn u mhux irid jinstab wara tiftix ta' ċirkostanzi li jitolbu stħarriġ b'reqqa ta' provi jew interpretazzjoni lil hinn minn dak li jidher;"

Ġie ritenut ukoll illi "Ir-rabta ta' Mandat ta' Inibizzjoni m'għandhiex tintuża bħala arma ta' theddid jew ġegħil *(arm twisting)* lill-parti intimata li, jew tagħmel dak li tixtieq il-parti rikorrenti jew ma tagħmel xejn. B'dan il-mod, il-Mandat ma jibqax għodda li tħares il-jedd *prima facie* tal-parti rikorrenti, imma ssir sarima li żżomm lill-parti intimata milli tgawdi l-jeddijiet tagħha. Il-Qorti hi tal-fehma li qatt ma kienet ir-rieda tal-liġi li l-Mandat ta' Inibizzjoni jinbidel f'arma bħal din." [Ara sentenza fl-ismijiet **Avukat Dr John Gauci *vs.* Direttur tal-Kuntratti**, P.A., 18.07.2008].

Għandu jingħad ukoll illi l-fatt li tintlaqa' talba għall-ħruġ tal-mandat ma jfissirx li l-jedd ikun ippruvat. Kif daqstant ieħor ma jfissirx, illi għax talba għall-ħruġ

ta' mandat ma tintlaqax, allura l-jedd pretiż ma jezistix. Mhux il-kompitu tal-Qorti fl-atti tal-mandat tara jekk il-jedd pretiz huwiex suxxettibbli għal success fl-azzjoni fil-mertu, izda biss jekk il-jedd pretiz jikkwalifikax bħala tali għall-finijiet oggettivi tal-ligi.

Mhux biżżejjed li r-rikorrent juri li prima facie għandu l-jeddijiet minnu pretiżi izda wkoll li l-ħruġ tal-mandat ta' inibizzjoni huwa meħtieġ sabeix jitħarsu dawk il-jeddijiet; l-hekk imsejjah "periculum in mora". Fi kliem ieħor jeħtieġ li r-rikorrent juri wkoll illi:

1. Dik il-ħaġa li r-rikorrent qed jitlob li tinżamm milli ssir "tista' tkun ta' preġudizzju" għal min jagħmel ir-rikors; u

2. Li l-mandat huwa meħtieġ sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrent.

Il-kelma "tista'" turi illi r-rikorrent ma jeħtiġlux jipprova b'ċertezza li ser isofri preġudizzju. Il-prova sal-livell ta' possibilta' hija suffiċjenti fl-istadju ta' rikors għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni.

Dwar il-ħtieġa tal-mandat għall-protezzjoni kawtelatorja tal-jeddijiet tar-rikorrent, jekk in-nuqqas lamentat jista' jitneħħa, mqar b'deċiżjoni wara li jiġi mistħarreġ il-każ fil-mertu, jiġi nieqes wieħed mill-elementi meħtieġa għall-ħruġ tal-Mandat (**Odette Tonna et v. Awtorità tal-Artijiet** - Prima' Awla - 19/07/2018).

**L-Effetti tad-Direttivi tal-MUMN maħruġa fis-6 ta' Settembru 2021 u fis-17 ta' Settembru 2021 fuq is-Saħħa tal-Pazjenti.**

Analizzati bir-reqqa il-provi mressqa jirriżulta s-segwenti:

**Decontamination Sterilising Technicians (DST's)**.

Fir-rigward tad-DST's l-MUMN ħarġet direttiva lill-membri tagħha fis-6 ta' Settembru 2021 fejn odrnat illi b'effett mid-9 ta' Settembru 2021:

"The DST's will only prepare sterilization packs for MOT Pillar 4 being the Cepod and the Trauma theatre (both emergency theatres)."

Ġew eżentati mid-direttiva l-*operation packs* dwar operazzjonijet dwar scoliosis; ir-raġuni mogħtija fid-direttiva għal din l-eżenzjoni kienet li dawn l-operazzjonijiet kienu ser isiru minn konsulent li kien ġej mill-esteru biex jagħmel dawn l-operazzjonijiet.

Fis-17 ta' Settembru 2021 l-MUMN ħarġet direttiva addizzjonali b'effett immedjat:

"All DST and SDST's will refrain from any tests on any machine since this is the duty of the scientific officer."

Dawn id-direttivi damu fis-seħħ sat-18 ta' Settembru 2021 meta intlaqa' b'mod provviżorju il-ħruġ tal-mandat pendenti dawn il-proċeduri.

Il-Qorti jeħtiġilha għalhekk tevalwa n-natura tas-servizzi li jjipprovdu l-kategoriji ta' ħaddiema milquta bid-direttivi tal-MUMN kif ukoll x'inhuma l-effetti ta' dawn id-direttivi fuq il-pazjenti tenut kont illi il-Ministeru tas-Saħħa jikkontendi li dawn id-direttivi jpoġġu is-saħħa tal-pazjent f'perikolu filwaqt li

l-MUMN tikkontendi illi l-azzjonijiet industrijali minnha ordnali joħolqu biss disaġju għall-pazjent iżda li fl-ebda ħin ma jpoġġu s-saħħa tal-pazjent f'perikolu.

Ikkunsidrat;

**Kif ġia kellha okkazzjoni tiddikjara din il-Qorti, filwaqt li l-jedd li ssir azzjoni industrijali irid jiġi rispettat, il-Qorti trid taġixxi b'kawtela u jrid jiġi assigurat li s-saħħa u l-ħajja tal-pazjenti ma jitpoġġewx f'riskju. (**Digriet Finali Mandat t'Inib. Nru 1665/2020 RGM – Prim' Awla - **Is-Segretarju Permanenti fil-Ministeru tas-Sahha vs Malta Union of Midwives and Nurses (MUMN)** - 11/12/2020 )

Kif tajjeb ġie osservat minn din il-Qorti diversament presjeduta fi proċeduri fi sfond simili għal dawk odjerni: "Il-Qorti tħoss li għandha tirrimarka li filwaqt li min-naħa l-waħda l-ħajja u s-saħħa tal-pazjenti hija kunsiderazzjoni urġenti u li jekk issirilha ħsara din tkun irrimedjabbli; reviżjoni tal-kundizzjonijiet tal-ħaddiema dejjem tista' tiġi nnegozjata u pattuwita b'effett backdated." (Digriet Finali Mandat t'Inib 297/2021 GM - Prim' Awla - **Is-Segretarju Permanenti fil-Ministeru tas-Saħħa vs. UĦM Voice of the Workers** – 22/03/2021).

**Il-Qorti għal darb' oħra tiddikjara illi filwaqt li d-dritt tal-azzjoni industrijali għandu jigi rispettat u li m'għandux jigi leġġerment imxekkel, fl-istess ħin hi tal-fehma illi għal raġunjiet gravi bħalma huma dawk li jolqtu s-servizzi essenzjali, tali dritt għandu l-limitazzjonijiet tiegħu speċjalment fejn jolqtu s-saħħa tal-pazjenti.**

Il-Qorti jeħtigilha li f'dawn iċ-ċirkostanzi distingwi bejn dak li *prima facie* jista jipperikola l-ħajja u s-saħħa tal-pazjent u dak li filwaqt li jista' jikkawża inkonvenjent pero' prima facie ma jpoggiex is-saħħa tal-pazjent fil-perikolu. Il-jedd li jeħtieg jitħares biex jinħareġ mandat ta' inibizzjoin mhux bizzejjed li jkun sabiex ma jinħoloqx inkonvenjent, diffikultà, disaġju jew tħassib. U dan għaliex azzjoni industrijali mingħajr xi forma ta' impatt, tkun azzjoni inutili.

Fl-istess ħin hemm ukoll id-drittijiet tal-pubbliku b'mod ġenerali u tal-pazjenti b'mod partikolari li jeħtieġ li wkoll jiġu salvagwardjatni. Tant is-saħħa pubblika teħtieġ li tiġi salvagwardjata li sew il-Kostituzzjoni permezz ta' Artikolu 42 (2) (Protezzjoni ta' Għaqda u Assoċjazzjoni) kif ukoll il-Konvenzjoni Ewropea f'Artikolu 11 (2) jistipulaw eċċezzjonijiet fejn tidħol *inter alia* s-saħħa publika,

Mhux kontestat illi s-servizzi provduti mit-tlett kategoriji ta' ħaddiema li lejhom id-direttivi tal-MUMN ġew indirizzati huma servizzi essenzjali fil-qasam tas-saħħa.

Sabiex il-Qorti tevalwa l-pretensjoni tar-rikorrenti kien jeħtieġ li tevalwa l-effetti tad-direttivi tal-MUMN fuq is-saħħa tal-pazjenti.

**Ir-rikorrenti resqet diversi xhieda li lkoll spjegaw b'dettal kif id-direttivi tal-MUMN lid-DSTs huma ta' perikolu gravi għas-saħħa tal-pazjenti.**

It-testimonjanzi li taw Il-Kap Eżekuttiv tal-Isptar Mater Dei is-Sinjura Celia Falzon; id-Direttur Mediku tal-Isptar Mater Dei Mr Walter Busuttil; il-Konsulent fl-Isptar Mater Dei Mr Ivan Esposito; il-Clinical Lead Urology tal-Isptar Mater Dei Mr Stephen Mattocks, Il-Kirurgu Vaskulari il-Professur Kevin Cassar; id-Direttur Ġenerali tal-Isptar Mater Dei Mr Joseph Debono u d-Direttur Ġenerali fil-Ministeru tas-Saħħa s-Sinjura Maureen Mahoney, jissodisfaw oltre l-livell ta' prima facie illi l-effett tad-direttivi fil-konfront tad-Decontamination Sterilising Technicians huwa ta' ħsara fuq is-saħħa tal-pazjenti u mhux sempliċement skumdita' jew disaġju. It-testimonjanzi tal-kirurgi speċjalment ma jħallu l-ebda dubju illi bil-mod kif inħarġu d-direttivi lil DSTs mingħajr l-għajnuna minn barra l-Isptar il-kanċellamenti tal-operazzjonijiet kienu ser ikunu f'numru kbir; intqal sa 80 kuljum.

Il-professjonisti mediċi li xhedu f'dawn il-proċeduri kienu kollha konkordi illi id-direttivi lid-Decontamination Sterilising Technicians (DST's) sabiex jippreparaw biss l-istrumenti għat-teatri tal-operazzjonijiet ta' emerġenza (Cepod u Trauma Theatre) poġġew fil-perikolu il-ħajja tal-pazjent. Id-dettalji li

taw dawn il-professjonisti mediċi huma evidenza aktar milli prima facie illi d-direttivi tal-MUMN għamlu ħsara lil diversi pazjenti illi kellhom l-operazzjonijiet kirurġiċi tagħhom kanċellati u li jekk dawn id-direttivi jerġgħu jieħdu effett il-ħsara lill-pazjenti ser tkun aktar intensiva u gravi.

Il-perikolu għas-saħħa tal-pazjenti b'effett ta' dawn id-direttivi tal-MUMN jieħdu xeħta aktar gravi u pronunzjata tenut kont illi skond l-istess direttivi dawn huma għal **żmien indefinit**. Kif rajna **supra,** intervent kirurġiku li fl-ewwel istanza jista' jidher mhux urġenti; jekk idum biex isir tali dewmien jista' xorta waħda jkollu konsegwenzi serjissimi fuq is-saħħa tal-pazjent.

Ex admissis is-Sur Pace xhed illi d-direttivi tal-MUMN lill-ħaddiema responsabbli mill-isterilizzazzjoni tal-istrumenti użati fl-operazzjonijiet kienet intiża sabiex jiġu kanċellati l-operazzjonijiet kollha ippjanati ħlief it-teatri ta' emerġenza. Huwa evidenti illi jekk tali direttivi jitħallew jidħlu fis-seħħ is-saħħa ta' ħafna pazjenti ser titpoġġa fil-perikolu. Id-diversi episodji rakkontati mill-kirurgi li telgħu jixhdu juru kemm fil-jiem li tali direttivi damu fis-seħħ l-azzjoni industrijali tad-DSTs poġġiet is-saħħa ta' diversi pazjenti f'riskju speċjalment f'dawk il-każijiet fejn l-intervent kien meħtieġ b'mod urġenti.

**Wara li l-Qorti qieset il-provi mressqa mill-partijiet dwar l-effetti tad-direttivi tal-MUMN mertu ta' dawn il-proċeduri tqis illi r-rikorrenti irnexxielha tipprova illi d-direttivi tal-MUMN lid-DST's *prima facie* jpoġġu is-saħħa, u f'ċerti każi il-ħajja, tal-pazjent fil-perikolu**.

**Għalhekk fir-rigward tad-DST's it-talba għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni hija ġustifikata u ser tiġi akkolta.**

Fir-rigward tal-phlebotomists u tad-dental surgery assistants ir-rikorrenti ma resqet l-ebda provi u għalhekk il-Qorti qed tqis illi fir-rigward ta' dawn iż-żewġ kategoriji ta' ħaddiema ma jirriżultawx l-estremi għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni.

**Decide**

**Għal dawn il-motivi l-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi r-rikors tat-18 ta' Settembru 2021 għall-ħrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni ppreżentat mid-Direttur Ġenerali fi ħdan l-Uffiċju tas-Segretarju Permanenti fil-Ministeru tas-Saħħa kontra l-MUMN bil-mod segwenti:-**

1. **Tħassar *contrario imperio* d-digriet tagħha tat-18 ta' Settembru 2021 in kwantu jirreferi għall-akkoljiment provvizorju tat-talba;**

2. **Tiddikjara illi jirriżulta *prima facie* li d-direttivi tal-MUMN tas-6 ta' Settembru 2021 u tas-17 ta' Settembru 2021 lid-*Decontamination Sterilising Technicians* (DST's) jistgħu jkunu ta' perikolu għas-saħħa tal-pazjenti u għalhekk qed tilqa' *in parte* r-rikors għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni in kwantu dan jirreferi għad-direttivi imsemmija tal-MUMN lid-*Decontamination Sterilising Technicians* (DSTs).**

3. **Tiċħdu fil-kumplament.**

**4a. Tordna n-notifika ta' dan id-digriet flimkien ma' kopja tal-mandat lill-union intimata.**

Dwar il-kap tal-ispejjeż il-Qorti qed tordna li fiċ-ċirkostanzi kull parti għandha tħallas l-ispejjez rispettivi tagħha.

**Mogħti kameralment illum 11 ta' Ottubru 2021.**

**Onor. Robert G. Mangion**
**Imħallef**